Citta Notabile

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-9.00am.

PREŻENTI:

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-9.07am

28.1 Qari ta' l-Ittri ta' Apoloġija

28.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

28.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- Minuti tas- Seba' u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

28.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

28.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

28.3.1 Is- Sindku stieden lil Dr. Cassar LLD biex tkun prezenti waqt il-laqgħa fejn il- Kunsill ddiskuta s-sitwazzjoni tax- xogħolijiet li għaddejjin bħalissa Is- Saqqajja minn Infrastructure Malta bl-isem tal-proġett Vjal Kulħadd. Għar-raġuni li parti minn dan il-proġett qed isiru fil-konfini ta' L-Mdina mingħajr qatt il-Kunsill ma ġie kkonsultat kif ukoll dan il-proġett qed isir b'applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill tar- Rabat, il-Kunsill ħass li għandu jikteb ittra formali ta' protesta f'dan ir-rigward fejn filwaqt li ma jsib ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett, ikun xieraq u ġust li l-Kunsill ta' l-Mdina ikun involut b'mod dirett f' dan il-proġett fejn jikkonċerna l-konfini ta' l-Mdina.

28.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill nhar is- 8 ta' Ottubru 2026 ser ssir prezentazzjoni mill-Ministeru għax- Xogħolijiet, Kunsilli Lokali u Ndafa Pubblika fuq l-għoti ta'magna lil Kunsill gġal ħasil tat-toroq.

28.3.3 Is- Sindku talab li jintalbu tlett kwotazzjonijiet għal presepju ġdid li jiġi armat ssoltu fi Pjazza San Publiju fi zmien il-milied. Il-Kunsill approva.

28.4 SPI/SCI/07/2026- Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027

28.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-applikazzjoni għal l- Iskema għall- Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 SPI.SCI.07.2026 għal approvazzjoni tal-Kunsill.

28.4.2 Il-Kunsill approva unanimament din l-applikazzjoni

27.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

27.5.1 MLGP- Talba għal- Propjetajiet battala ġewwa L- Mdina. Il-Kunsill ħa nota ta' din it-talba.

27.5.2 MLGP- Community Vaccination Scheme- il-Kunsll huwa interessat li joffri dan is-servizz fil-lokalita ta' L-Mdina lir-residenti.

27.5.3 Zarb Coaches- Il-Kunsill rċieva ittra ġudizzjarja biex jitħallas il-kumpens fuq ħsarat li kien sofra coach tal-buses l-Mdina. Il-Kunsill ser jitlob l-avukat tal-Kunsill biex jikteb lura għal din l-ittra.

27.5.4 Dipartiment Saħħa Ambjentali- Il-Kunsill ta' l-Mdina ġie mgħarraf li bejn is- 27 ta' Settembru u 2 ta' Ottubru ser joffru s-servizz tal-qbid ta' ħammiem fil-gaġġeg.

27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

27.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 18 ta' Settembru 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 24,614.40

27.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

27.7 Tmiem tal- Laqgħa

27.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.23 am u ġiet aġġornata għat- 23 ta' Ottubru 2026 fid- 3pm.

FFIRMATI

_____

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

_____

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___23 ta' Ottubru 2026__